


**WÜRTH LIMITED, WÜRTH HOUSE, Triq il-Masgar, Qormi QRM 3217, Malta.**
Tel: (356) 2149 4604, (356) 2144 3035 Fax: (356) 2144 1081
E-mail: sales@wuerth-malta.com
Web: www.wuerth.com.mt


# tad-De Paule

maħruġ mill-Kummissjoni Żgħażagħ
bil-kollaborazzjoni tal-Partitarji De Paule



Ħarġa Nru. 3 Lulju 2008

# Kont Taf li...

Kitba ta' TWANNY BOFFA

1. Il-Każin tal-Banda Gran Maestro Fra Antonio De Paula li reġa' ħa l-ħajja fl-1910 kien l-istess wieħed li kien fetaħ f'Ġunju 1898?
2. Fl-1900 il-Każin tal-Banda G.M Fra Antoine De Paula kien fejn illum hemm il-Każin tal-Hibernians
3. F' Novembru 1918 kien sar marċ mill-Banda De Paula biex jiġi ċċelebrat tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija
4. Fl-1918 iċ-Circolo G.M. De Paule ħatar bħala President Onorarju tiegħu lil Guzeppi Howard, li fl-1921 sar l-ewwel Prim Ministru ta' Malta



5. Fl-1918 is-Soċjeta' ħadet sehem f'serata ad unur Mro.Carlo Diacono
6. Fl-1919 is-Soċjeta' tagħna aċċettat li torganizza l-festa esterna tat-Titular: Il-Qalb Imqaddsa ta'Gesu
7. Fl-1921 il-plancier tas-Soċjeta' tagħna kien armat ħdejn it-tribuna fix-xatt ta' l-Isla, fejn saret l-inkurunazzjoni ta' Marija Bambina
8. Fl-1923 ġie rregalat lis-Soċjeta' tagħna standard f'isem ir-residenti ta' Kent
9. Fl-1932, Gio Batta Cesare, membru onorarju tas-Soċjeta' tagħna, rregala lill-Parrocca l-istatwa tal-irħam ta' Kristu Re
10. Fl-1934 is-Soċjeta' tagħna ġiet ikkonsagrata lill-Qalb ta' Gesu
11. Fl-1939, fil-minuti tal-kumitat tas-Soċjeta' tagħna tissemma għall-ewwel darba l-festa Titulari ta' Kristu Rè
12. Fl-1946 l-Arcisqof Mikiel Gonzi bierek u inawgura il-każin li għadna nuzaw sa llum
13. Fl-1958 ġie mbierek u mżanżan l-arkivju li llum insibu fis-sala tal-kumitat
14. Fl-1981 is-Soċeta' tagħna, ħarget l-ewwel publikazzjoni tagħha għal żmien il-festa titulari
15. Fl-1991 twaqqfet il-Kummissjoni Zgħazagh
16. Fl-1992 sar l-ewwel Kunċert Annwali mill-Banda De Paule
17. Fl-1993 il-Banda tas-Soċjeta' tagħna giet iddedikata lil Kristu Re
18. Fl-1993 il-Banda Kristu Re giet l-ewwel fil-Konkors Nazzjonali tal-Baned
19. Fl-1994 il-Banda Kristu Re ġiet l-ewwel fl-International Brass and Woodwind Festival
20. Fl-1997 twaqqfet is-Sezzjoni Partitarji De Paule
21. Fl-1998 is-Soċjeta' tagħna ċċelebrat l-ewwel centinarju tagħha
22. Fl-1998 bdew isiru l-Home Concerts
23. Fis-sena 2000 is-Soċjeta' għamlet il-festi tal-Millenju u fakkret il-75 Anniversarju tat-twaqqif tal-festa titulari ta' Kristu Rè
24. Fis-sena 2001, is-Soċjeta' tagħna fakkret it-375 Anniversarju tat-twaqqif ta' Paula
25. Fis-sena 2001 il-Banda Kristu Re daqqet fil-Jum Nazzjonali ta' Franza
26. Fis-sena 2004 il-Banda Kristu Re daqqet fl-okkazjoni tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.



# Mill-Album tar-Ritratti



1

1. Fir-ritratti jidhru uhud mill-membri tal-Kummissjoni żgħażagh fi żmien il-Għid il-Kbir, jigbru fondi b'risq il-festa mill-lotterija l-kbira.

2. Taħtu jidher ukoll iċ-Chairman tal-Kummissjoni Żgħażagh jippreżenta T.V. 32" lir-rebbieħa.

3. Uhud mill-membri tal-Partitarji de Paule li attendew għall-attivitajiet li saru gewwa l-gzira ta' Għawdex. Waħda minnhom kienet għall-attivita ta' Gozo1234.

4. Membri Partitarji de Paule fil-maħzen jippreparaw bi ħġarhom għall-festa ta' Kristu Rè 2008

5. Folla numeruza li attendiet għat-tlett ijiem festi fl-okkazjoni tal-110 snin mit-twaqqif tas-Soċjetà de Paule kif ukoll l-10 snin anniversarju tal-miġja tal-istatwa ta' Kristu Rè fostna.

6. Fl-aħħar ritratt naraw diversi partitarji li għenu fit-tħejjijiet ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet u qed iżanżnu flokkijiet godda maħruga mis-Soċjetà.



2



3



4





5

# *L-istorja ta' l-istatwa ta' Kristu Rè...* Il-BIDU

Minn riċerki li kienu saru mis-Soċjetà fis-sena 1997, irrizulta illi t-twelid ta' din is-Socjeta' kien fis-sena 1898 u mhux fl-1910 kif kulhadd kien jaħseb u jassoċjaha mat-twaqqif tal-Parroċċa ta' Kristu Re. Il-kumitat b'hekk kellu żmien qasir biex jorganizza l-attivitajiet taċ-Ċentinarju. F'dak l-istess żmien il-kumitat diġa kellu l-proġett ta' tisbieħ tal-każin. Il-Partitarji De Paule xtaqu li jonoraw dan iċ-Ċentinarju b'rigal sabiħ kif jixraq lil din is-Soċjeta'. Ġie deċiż li ssir statwa ta' Kristu Re bħala rigal. Il-partitarji de Paule ikkummissjonaw lil Martin Grima (is-Siminu) biex tkun fir-responsabilta tiegħu biex issir l-istatwa fil-kartapesta. Martin Grima kien jagħmel mill-istess kumitat. Peress li Martin f'dak iż-żmien kien qed jattendi ta' spiss fl-istudio tal-iskultur ta' fama kbira Chev. Alfred Camilleri Cauchi, ressaq din il-prosposta biex tkun tistà issir din l-istatwa. L-iskultur mill-ewwel aċċetta. Kienu żminijiet sbieħ u ta' sfida kbira għax b'xorti tajba l-iskultur kien qiegħed iqatta' l-ewwel statwa kbira fl-injam, li kienet ser tirrapreżenta lill-Kristu Rxoxt għall-Bazilika ta' San Ġorġ ġewwa Għawdex. Darba fost l-oħrajn, l-iskultur ħhareg bi proposta u staqsa lil Martin biex l-istatwa li kien ser jaħdem fil-kartapesta, jekk jaċċettaw il-Partitarji de Paule, issir fl-injam. L-iskultur, peress li din kienet se tkun l-ewwel statwa tiegħu maħduma fl-injam ġewwa Malta offra li ssir ġġall-prezz ta' Lm2000 biss. Martin flimkien mal-kumitat inħasdu b'din il-proposta għax kienet waħda unika, tant hu hekk li meta Martin mar ikellem lill-iskultur dan induna li kien għadu maħsud b'proposta bħal dik. Saħansitra, anke l-iskultur u dawk kollha ta' madwaru (il-familja tiegħu) tfixxklu b'din il-proposta. Għax dan filli kienet ser issir statwa tal-kartapesta (li l-iskultur tant kien ħadem bħalhom) u filli ha ssir statwa tal-injam. Dik il-ġimgħa stess il-Kumitat iltaqgħa hu minnufih aċċcetta il-proposta tal-iskultur li l-istatwa ssir tal-injam. L-għada stess, Martin mar għand l-iskultur u x'ħin qallu li l-kumitat aċċetta biex l-istatwa ssir tal-injam, l-iskultur ħakmu ħafna l-entużjażmu u kien jidher kuntent ħafna.

Wara li ġie deċiż li l-istatwa ssir fl-injam Martin u l-iskultur marru għand id-ditta SMW Cortis Ltd ta' Haż-Zebbug biex jaraw isibux zokk addatat. Għalhekk kien importanti li jkun l-iskultur li jagħżel iz-zokk għax hu kien ser jaħdem fih. Kien gie importat zokk tal-kewba 'ACAJOU' mill-Afrika tal-punent, mill-foresti tal-Guinea, mid-ditta stess. Iz-zokk kien fih 55.22 pied kubu, u inxtara għall-ammont ta' Lm441. Fuq rikjesta tal-iskultur u l-partitarji, z-zokk kien ġie stazzjonat u mqatta' mis-segerija tad-ditta fil-11 ta' Gunju 1997. Is-Sibt 14 ta' Gunju, l-kumpanija ħadet iz-zokk fl-istudio ta' l-iskultur ġewwa l-Fgura. Dan kien mument indimentikabli għaż-żgħażagħ u l-Partitarji, u anki għall-iskultur. Dan għaliex l-iskultur kien ha jkollu waħda mill-opri li dejjem xtaq iseħħ realta'. Din ix-xewqa kienet li jqatta statwa tal-injam fil-kobor kif għamlu skulturi tal-imgħoddi ġewwa Malta stess. Fl-istess ħin is-sabiħ ta' din l-opra huwa li l-iskultur kellu l-okkazjoni li kien għadu kif lesta lil Kristu Rxoxt u t-tieni okkażjoni fl-injam kienet li jqatta lil Kristu Re. B'hekk wieħed jinnota li bħala xogħolijiet fl-injam kien hemm dejjem involut Kristu. Meta toqgħod tħares lejn bliet u rhula f' Malta, aħna Rahal furtunat għax kemm il-Parroċċa kif ukoll il-Banda hi iddedikata lil Kristu Re. Naħseb li dan huwa l-qofol tal-Knisja Kattolika tagħna. Il-Partitarji kienu kburin ħafna u fl-istess ħin l-iskultur kien kburi wkoll li ha jerġa jagħmel statwa oħra tal-injam. Il-Partitarji sa dak iż-żmien kellhom ħjil żgħir kif kienet ġejja eżżatament l-istatwa, imma naħseb li dak huwa s-sabiħ li tidħol għal dawn it-tip ta' sfidi fil-ħajja, għax dak huwa il-mertu ta' min verament jaħdem u li jaħdem mil-qalb.



Kienet sfida kbira għall-iskultur, kellu għadma iebsa għax il-bicca xogħol mhux li tqatta' l-injam biss izda kemm int kapaci x' toħrog miz-zokk. Meta Martin Grima kien jistaqsih meta ser jibda ix-xogħhol hu kien jgħidlu "dak hemm ġew qiegħed... ejja ħa noħorġuh!" Meta l-opra bdiet titaqatta' trid tkun taf ezzatament xi trid tagħmel għax meta tagħmel xi zball, l-opra tirvinaha u l-iskultur kellu din l-isfida kbira. Nafu u konna konxji tal-esperjenza li għandu f'dan ix-xogħol għax din hija xi ħaga li twieled fiha. Kif tafu, l-iskultur Wistin t'Għawdex huwa missier Chev. Alfred Camilleri Cauchi u ħadem kemm fil-ġebel kif ukoll fil-kartapesta u f'ħafna materjali oħra. Din l-istatwa kienet ix-xewqa tiegħu u anka tal-Partitarji.

Minn hemm il-quddiem din l-aħbar ġriet ma' kullimkien, kemm mal-kumitat, ma' Raħal Gdid, mal-ibliet u l-irħula. Peress li l-Partitarji de Paule huma dilettanti tal-festi, tkellmu ma dilettanti oħra u kulħadd beda jgħid x'biċċa xogħol is-Socjeta kienet dieħla għaliha, u kif ser nirnexxu u naslu għaliha. Imma l-Partitarji dejjem imxew id f'id bejnietom kif ukoll mal-iskultur. Fiż-żmienijiet l-imgħoddija kienet xi ħaga sabiħa li kif għamlu missirijietna fi bliet u rħula oħrajn Maltin u Għawdxin għall-festi tagħhom, kulħadd ikollu l-meravilji tagħhom u hekk l-istess għamlu l-Partitarji de Paule għal raħalhom. Fil-festi kollox huwa importanti, kemm in-nar, kemm il-banda u l-armar kif ukoll il-marċ għax il-festa mingħajr dawn l-elementi ma tkunx sabiħa. Pero, fuq quddiem nett, u hekk għandu jkun anka bħala rispett lejn il-qaddis jew qaddisa, l-iktar ħaga importanti hija ix-xbieha tal-patrun li tiehu l-festa tkun qiegħda tiġi ċċelebrata. Nitkellmu fuq ir-Raħal tagħna fejn aħna niċċelebraw ix-xbieha ta' Kristu Re, allura x-xbieha ta' Kristu Re titpoġġa fuq quddiem nett. Martin minn dejjem kien jgpid lil spabu, u gpadu sal-ġurnata tal-llum li l-opra t'arti ma żżommhix biss bħala opra t'arti. Fis-sens li l-opra t'arti fiha ħafna sagrificcji kbar, fiha ħafna kapaċita', dedikazzjoni u l-iktar ħaga importanti imħabba lejn l-opra.

Din l-opra nexxiet għax kien hemm imħabba kbira lejn Kristu Re kemm min-naħa ta' Martin bħala bniedem responsabbli minn din l-opra, mis-Soċjetà u l-Partitarji tagħha u kemm minn naħa tal-iskultur.

# *Niltaqgħu ma'...*

# FRANK GRECH "l-Anzjan Żgħażugħ"

minn Clive Pace

**X'tistà tgħidilna fuq il-passat tal-każin, kif kien u kif evolva matul dawn is-snin ta' ħidma f'dan il-każin?**

•Fil-bidu li bdejt nattendi il-każin ma tantx kien hemm entuzjażmu fost il-membri tal-kazin. Ghalhekk jien iddeċidejt li noħrog b'xi ideat biex intejbu is-sitwazzjoni ġewwa l-każin. Sfortunatament dawn l-ideat ma tantx ġew milqugħa tajjeb ma dawk il-membri tal-każin. L-attitudnijiet fost il-membri bdew jinbidlu tul is-snin u b' hekk kulhadd beda juri interess u aktar ħegga biex jagħti sehmu fis-Soċjeta' tal-każin. Bdew jattendu żgħażagħ ġodda li bdew juru l-enerġija biex inkabbru l-festa u l-isem tal-każin. Kif nistgħu naraw dawn l-aħħar snin saru progressi ta' ġgant, fejn tara lil kulhadd jaħdem u juża t-talenti personali. Eżempji ta' dawn tarahom kuljum, min jaħdem il-ħadid u l-injam, min jirħama u jindura, min jaħdem il-liedna u ħafna affarijiet oħra li jikkoncernaw ma' l-armar tal-festa.



**F'dawn it–tletin sena, liema hi l-iktar esperjenza li laqtitek u tibqa' tiftakarha?**

•Naħseb l-iktar mumenti sbieħ li rajt f'dawn l-aħħar tletin sena kienet meta kxifna l-armar ġdid tal-faċċata għaż-żminijiet tal-festa. Din kienet esperjenza indimentikabbli li ħadd ma kien qiegħed jistenniha. Kulħadd kien bil-mistqosija fuq fommu, "x'hemm wara dak id-drapp kbir aħmar li kesa il-faċċata kollha?" Kif bdiet tinfetaħ din il-purtiera kull min kien hemm fil-pjazza beda jċapċap kemm jiflaħ u juri apprezament tax-xogħol li kien sar mill-partitarji u ż-żgħażagħ tagħna. Barra din l-esperjenza kien hemm il-festi taċ-ċentinarju tal-każin, fejn ġibna l-istatwa meravilja ta' Kristu Rè li tinsab ġewwa il-każin, li din is-sena tagħlaq għaxar snin mil-miġja tagħha fostna.

**Fil-preżent, kif taraha mixja s-Soċjeta De Paule u l-membri tagħha? Speċjalment, xi tgħidli fuq il-Partitarji De Paule?**

•Is-Soċjetà miexja il-quddiem u qegħda tagħmel progressi kbar. Il-membri tas-Soċjetà huma diversi, fostom insibu lill-President, Vici President, jiena, u oħrajn li ilna inservu fil-karigi tal-kumitat il-kbir. Jien nixtieq li ż-żgħażagħ juru iktar interess u jidħlu għal sfida u jkunu il-kumitat futur ta' din is-Soċjetà. Bħala Partitarji De Paule mixjin il-quddiem imma nixtieq nara iktar attendenza u entużjażmu bħal ma kien ikun hawn qabel biex inkunu dejjem iktar aħjar u effiċjenti.

**X'tixtieq tara jew isir fil-futur? Għandek xi progetti jew ħsibijiet li tixtieq tarahom iseħħu fil-ġejjieni?**

•L-ewwel proġett li dejjem xtaqt huwa li nara l-Arkivju tal-mużika lest biex b'hekk inkunu nistgħu ngħidu li għandna arkivju li jixraq lill-kollezzjoni vasta li jgawdi il-każin. Progett ieħor li nixtieq li jitlesta huwa il-planċier. Dan huwa proġett li hemm bżonn isir biex jgħaqqad l-armar tal-pjazza.
Fl-opinjoni tiegħi ma hemmx għalfejn jintefqu eluf kbar ta' flus biex dan isir. Nistgħu nużaw ir-riżorsi tagħna biex nibdew dan il-progett imbagħad jekk ikun hemm xi benefatturi, dan il-progett ikun jistà jsir aktar malajr.Nirringrazzja lil kull min b'ximod jgħin l-iSoċjetà tagħna.



# *Il-Kelma tal-President Partitarji De Paule*

## Dr Ray Busuttil

Ħbieb,

Rega' wasal iż-żmien biex joħroġ fuljett ieħor, li permezz tiegħu, l-partitarji żgħażagħ fi ħdan is-Soċeta de Paule iwasslu il-messaġġ tagħhom lill-membri u nies oħra li jappoġġjaw lis-Soċjeta tagħna.

Dan il- fuljett se joħroġ propju fi żmien fejn l-attivitajiet fil-Każin ikunu fl-aqwa tagħhom bil-preparazzjonijiet għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Fondazzjoni tas-Soċjeta u ma' għandniex xi ngħidu, il-festa. Din is-sena taħbat il-110 sena mit-twaqqif tas-Soċjeta – snin li jixhdu il-kontribut li dejjem tat is-Soċjeta tagħna lejn il-banda, il-festa u t-tixrid tal-kultura f'Raħal Ġdid.

Din is-sena taħbat ukoll egħluq l-għaxar snin minn mindu il-partitarji irregalaw lis-Soċjeta il-Ġawhra statwa ta' Kristu Re li tinsab esposta fl-entratura tal-Kazin. Il-messaġġ minn dan huwa wieħed – inkomplu dejjem iżjed inżidu l-impenn tagħna biex is-Soċjeta de Paule tibqa' soċjetà ewlenija f'Raħal Ġdid.

Irrid ukoll nieħu l-okazzjoni biex inħeġġeġ lil kulħadd jersaq dejjem aktar lejn il-każin u fl-istess ħin imidd idejh biex jgħin fil-preparamenti kollha li jkun hemm bżonn għall-festa. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jieħu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha relatati mal-festa – kemm dawk ta' ġol-knisja kif ukoll dawk ta' barra.

Fl-istess ħin nappella lil kulħadd biex matul iċ-ċelebrazzjonijiet iġib ruħu kif jixraq ħalli bħal fi snin oħra nuru s-serjetà tas-soċjeta tagħna u nagħmlu festa li tassew tixraq lill-Patrun tagħna Kristu Re.

## *Attivitajiet*

**-Sibt 29 ta' Ġunju** - BBQ Marsaxlokk
* **Il-Gimgħa 11 ta' Lulju** -Splash & Fun
l-Gimgha 18 ta' Lulju - Rally kbir ghall-membri u Partitarji tas-Socjeta de Paule. Niltaqghu gewwa l-bar tal-Kazin de Paule f' atmosfera festiva!
* **Is-Sibt 19 ta' Lulju** - Ħarga għal Għawdex - Festa San Gorġ, Rabat
* **It-Tnejn 21 ta' Lulju** - Il-Banda Kristu Re issellem lill-Vara Titulari ta' Kristu Re fil-ħrug tagħha bi tħejjija għall-festa . Wara l-Banda tagħmel programm ta' Marċi fit-toroq ta' Raħal Ġdid.
* **L-Erbgha 23 ta' Lulju** - Riċeviment fuq il-bejt tal-Kazin għall-membri, benefatturi, membri ta' l-Għaqdiet f'Paola u mistiednin oħra fl-okkażjoni tal-Festa Titulari.
* **Il-Gimgħa 25 ta' Lulju** Il-Banda Kristu Re tagħmel marċi brijużi madwar it-toroq ta' Raħal Ġdid.
* **Is-Sibt - 26 ta' Lulju,** Il-Banda Kristu Rè wara li tiehu sehem fil-korteo tat-tqegħid tal-kuruni tar-rand f'riġlejn l-istatwa ta' Kristu Rè mill-għaqdiet pawlisti, tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier u wara tkompli b'marċi a la venezjana madwar il-Pjazza Antoine de Paule flimkien ma' l-Banda mistiedna.
* **Il-Hadd - 27 ta' Lulju - JUM il-FESTA** Il-Marċ tradizzjonali ta' filgħodu.

**Kullhadd huwa mħeġġeħ li jattendi għall-attivitajiet religuzi li l-Knisja tistieden lis-Soċjeta' biex tieħu sehem fil-Ġimgha tal-festa.**



# Minn Santa Baldeska għal Kristu Re

•Fil-pittura ta' Adonai Camilleri Cauchi, li llum qed iżejjen id-daħla tas-sede tas-Soċjetà, naraw in-nisġa tal-Patruni ta' Raħal Gdid, minn Santa Baldeska għall-Qalb ta' Ġesu, għal Kristu Re. Fuq il-lemin jidher il-Gran Mastru de Paule qed iħares lejn Qaddisa Vergni Baldeska, li kienet soru fl-Ordni ta' San Ġwann. Qrib tiegħu tidher il-knisja li huwa bena u ddedika lilha fl-1630 kif kienet qabel ma tkabbret fl-1900. Minn naħa tagħha, Santa Baldeska qed turi lil Kristu Rè biex turi lil kull min qed iħares lejha t-triq li twassal għand il-Qalb Imqadsa tiegħu.Din il-pittura artistika, mżewqa b' kuluri mill-isbaħ, ġiet inawgurata nhar is-Sibt 21 ta' Ġunju 2008, fl-okkażjoni tal-festi li saru biex ifakkru l-110 Anniversarju tat-twaqqif tas-Soċjeta u f' għeluq l-10 sena mill-għoti tal-istatwa ta' Kristu Rè lis-Soċjeta mill-Partitarji de Paule.

# Appelli

* Importanti li kull min ghandu xi globu jew tubi fuq il-bjut u l-arbli fir-rahal nixgheluwhom kuljum.
* Kull Ħadd matul ix-xahar ta' Lulju u fil-gimgħa tal-festa, importanti li ntellgħu l bnadar fuq il bjut u fil-ġimgha tal-festa l-festun bil-lejl.
* Nattendu għal kull attività mtella' mis-Soċeta u l-Partitarji de Paule.
* It-Tnejn 21 ta' Lulju niltaqgħu l-knisja għall-ħrug tal-Vara titulari ta' Kristu Re u fit-8.00 p.m. nifthu l-briju tal-festa. Niltaqgħu l-kazin
* Il-Gimgħa 25 ta' Lulju, fit-8.00 p.m. Niltaqghu l-Kazin għall-marċ popolari tal-Gimgħa u f'12.00a.m. nakkumpanjaw it-tlugħ glorjuz u uniku tal-istatwa tal-Patrun tagħna Kristu Rè. Wara, ninghaqdu flimkien għall-ftuħ uffiċjali tal-bandiera l-kbira tas-Soċjetà
* Il-Hadd 27 ta' Lulju, flimkien mal-Pawlisti kollha nuru l-kapacita u l-maturita taghna fil-marc ta filghodu. Kulhadd ghandu jobdi r-goli mahruga mill-Kumitat tas-Socjeta u Partitarji. Inzommu d-dekor u isem is-Socjeta nadif. Filghaxija nattendu ghall-purcissjoni bl-istatwa Titulari u nattendu ghad-dhul glorjuz gewwa l-Knisja Parrokjali
* Nappellaw lill-Partitarji sabiex nattendu għall-kull okkażjoni organizzata fil-festa, kemm dawk esterni kif ukoll dawk interni, speċjalment għall-funzjonijiet sbieħ tal-Knisja ħa nuru li aħna ammiraturi ta' vera ta' Kristu Rè
* Kun zgur li takkwista flokk tal-festa u souvenirs oħra maħruga mill-Partitarji de Paule
* Inġibu ruħna sew fil-marċi u nkantaw il-marċi bil-kliem sbieħ kif nafu nagħmlu aħna biss
* Ngħinu fejn nistgħu fil-preparamenti u armar qabel il-Festa, u iktar u iktar għaż-żarmar ta' wara l-festa.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkhom...



Joseph Sammut
Household Distributors
The One Stop Shop for all these leading brands
Planning your new kitchen?
Visit us and make use of our fantastic offers and deals!
* Free delivery in Malta & Gozo
* Flexicredit agreement with HSBC Bank Malta for engaged couples
* Specialize in built in appliances
* Goods are kept until delivered.
* Open till 8pm.
* Products are guaranteed for 2 to 5 years
* Payments are on higher purchase
Candy KENWOOD DeLonghi Whirlpool Philishave INDESIT MALBER Vestfrost SHARP Haier PHILIPS GRUNDIG BOSCH Foster
71, Triq il-Buqexrem Fgura PLA 13
Tel: 21691334 - Fax: 21654949 - Mob: 99476492
Email: jshousehold@nextgen.net.mt

DOMLITE
Store - Ironmongery
39, Triq tal-Borg, Paola
Tel: 2169 3561 - 7985 3564 - 7969 3561
Fax: 21894 708



Bl-aħjar prezzijiet fis-suq noffru:
Siment, Ramel, Xaħx, Gir, Gibs, GR 1000, Sigma, Hempel, Brolac (b'kuluri varjati), Acorn, ABB Switches, Membrane, Geysers bl-aħjar prezzijiet fis-suq, Kurrenti, Kolla tal-madum, Siment tax-Xibka, Spirtu għall-faccati, ect.....
Noffru servizz ta' plumber u electrician